

Suġġett

Talba għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent li titlob il-ħlas ta' kumpens għall-ġranet ta' leave mhux meħuda filwaqt li kien fuq leave tal-mard mill-4/01/2002 sal-31/05/2005.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) L. Marcuccio għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu stess.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-12 ta' Frar 2014 – CL vs AEA

(Kawża F-71/13)⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Dmir ta' għajjnuna — Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-persunal — Fastidju psikoloġiku minn superjur ġerarkiku — Ċaħda tat-talba li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva — Rikors manifestament inammissibbli)

(2014/C 421/79)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CL (rappreżentanti: S. Orlandi, J.-N. Louis u D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (rappreżentanti: O. Cornu, aġent, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva sabiex jiġu stabbiliti jew ippreċiati l-fatti li taw lok għall-fastidju.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CL għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

⁽¹⁾ ĠU C 274, 21.09.2013, p. 32.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Frar 2014 – Probst vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-75/13)⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjal — Allowance tal-espatrijazzjoni — Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Talba għal eżami mill-ġdid — Fatti ġodda u sostanzjali — Rikors manifestament inammissibbli)

(2014/C 421/80)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Norbert Probst (Genval, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati, sussegwentement D. Abreu Caldas, J.-N. Louis u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)